MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1277/1999/1

**Stephen Vella**

**vs**

**Adriana Vella f'isimha proprju u b'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Frar, 2000 giet nominata bhala kuratrici deputata sabiex tirrappresenta lill-minuri Dylan u Erica Dacoda ahwa Vella**

**Il-Qorti:**

## I <u>PRELIMINARI</u>

Illi l-kontendenti konjugi Vella infirdu minn xulxin permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni ippubblikat minn Nutar Dottor Marco' Burlo fit-23 ta' April 1998 (hawn anness u mmarkata DOK A);

Billi fl-istess kuntratt l-konvenuta giet affidata bil-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti, u cioe, Dylan u

Erica Dacoda, ahwa Vella salv l-access stabbilit fir-rigward taghhom u riservat lill-attur fl-istess kuntratt;

Illi fl-artikolu 2 (vi) tal-imsemmi kuntratt l-attur obbliga ruhu illi jhallas lill-konvenuta martu is-somma ta’ erbghin Liri (Lm40) kull gimgha pagabbli kull xahar bil-quddiem bhala manteniment ghat-tfal minuri;

Illi a tenur tal-artikolu 2 (iv)(f) tal-istess kuntratt, l-attur irriserva d-dritt illi jitlob u jottjeni ir-rivizjoni u r-reduzzjoni ossija tnaqqis tal-manteniment minnu pagabbli f’kaz illi d-dhul tieghu jitnaqqas sostanzjalment minhabba ragunijiet illi fuqhom l-istess attur ma ghandu ebda kontroll u ghalkemm jkun ghamel li seta’ biex jevita jew jirrimedja tali tnaqqis.

Illi f’dawn l-ahhar gimghat ivverifikaw ruhhom ic-cirkostanzi stabbilit fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni ghar-rivizjoni u t-tnaqqis tal-manteniment pagabbli mill-attur.

Illi ghalhekk l-attur talab sabiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi ivverifikaw ruhhom ic-cirkostanzi stabbilit fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni ghar-rivizjoni u t-tnaqqis tal-manteniment pagabbli mill-attur u li l-attur huwa konsegwentement intitolat illi jitlob tali rivizjoni u tnaqqis.

2. Tirrevedi l-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta, billi tillikwida l-manteniment f’somma inferjuri tenut kont tac-cirkostanzi rilevanti tal-kontendenti u ta’ uliedhom minuri, b’mod partikolari il-bzonnijiet tal-istess ulied minuri, d-dhul attwali tal-attur u dak percepit minnu fid-data tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni u dana b’effett mill-1 ta’ April, 1999 jew data ohra illi dina l-Qorti jidhrilha xierqa.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni u b’rizerva ghal-kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 rispettivament tal-process.

Rat il-lista tad-dokumenti esebiti a fol. 5 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fl-1 ta' Marzu, 2000 a fol. 29 tal-process ipprezentata mill-konvenuta li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi ghal kull buon fini jigi rilevat li l-artikolu (2)(iv)(f) imsemmi fic-citazzjoni u dikjarazzjoni guramentata tal-attur ma jezistix fil-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni.

2. Illi fil-premessi tieghu, l-attur iddikjara li c-cirkostanzi finanzjarji tieghu nbidlu 'fl-ahhar gimghat' qabel ma giet intavolata c-citazzjoni odjerna (u cioe fit-2 ta' Gunju, 1999), meta in effetti l-attur waqaf ihallas il-manteniment stabbilit ta' Lm40 fil-gimgha, f'April tal-1999 minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

3. Illi l-attur irid jissodisfa l-kundizzjonijiet msemmijin fic-citazzjoni u cioe` li c-cirkostanzi finanzjarji tieghu nbidlu u li ghamel li seta' biex jevita jew jirrimedja tali tnaqqis.

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju l-attur ghandu n-negozju tieghu, flimkien ma huh, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk kwalsiasi tibdil fic-cirkostanzi finanzjarji tieghu m'hi ghajr hlief tentattiv goff biex jipprova jeludi l-obbligazzjonijiet minnu assunti taht il-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuta kif ukoll il-lista tax-xhieda li jinsabu esebiti a fol. 30 u a fol. 31 rispettivament tal-process;

Rat id-digriet tal-21 ta' Gunju, 2000 fejn din il-Qorti, diversament preseduta, ordnat illi ta' lanqas *pendente* dawn il-proceduri l-attur huwa obbligat ihallas Lm15 fil-gimgha alimenti b'effett immedjat minghajr pregudizzju ghaz-zewg partijiet u b'rizerva ghad-drittijiet ta' l-attur li

jintavola it-talbiet idoneji fir-rigward ta’ l-access ghat-tfal minuri.

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Mejju, 2002 fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum stess.

Rat l-atti kollha, d-dokumenti u x-xhieda prodotti;

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) XHIEDA

Illi fis-seduta tal-21 ta’ Gunju, 2000 xehed **l-attur**. Huwa jghid illi issepara minn mal-mara tieghu permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat 23 ta’ April, 1998. Skond id-disposizzjonijiet ta’ dan il-kuntratt, il-mara, u cioe` l-konvenuta odjerna, giet afdata bil-kura u l-kustodja tal-minuri uliedhom Dylan u Erica Dacoda. L-attur jghid illi huwa kien jaqla’ madwar Lm7,000 fis-sena. Xi sentejn ilu (minn meta xehed l-attur jigifieri) huwa kien waqaf jahdem *part-time* mas-Sun City Restaurant. Dan il-*part-time*, jghid l-attur kien zewg terzi tad-dhul tieghu. Il-fond fejn kien jahdem l-attur kien parti proprjeta tieghu u parti proprjeta ta’ huh. L-attur jghid illi huh kien xtara sehmu u li ma ghadux jmur jahdem *part-time* fis-Sun City Restaurant. Waqaf jahdem *part-time* mill-bidu tas-sena l-ohra. L-attur qieghed jahdem biss ma’ Lewis Micallef Co. Ltd. Ta’ sehmu, l-attur ha ghaxart’ elef (Lm10,000) lira li kellhom jithallsu fuq perjodu ta’ tmien (8) snin. Prezentement l-attur qieghed jippercepixxi s-somma ta’ Lm260 fix-xahar minghand id-datur tax-xoghol tieghu u cioe` minghand Lewis Micallef Co. Ltd. L-attur jghid ukoll illi huwa ghandu diversi spejjez xi jhallas bhac-cens ta’ fuq id-dar, il-licenzja tal-karozza, *life insurance policy*, *insurance* ohra ta’ l-*accidents*, *telephone*, *water and electricity* u *house upkeeps*. Dawn l-ispejjez jirrikorru minn sena ghal sena. L-attur lest li joffri l-ammont ta’ Lm15 fil-gimgha bhala manteniment. Jekk il-paga tibqa’ l-istess u l-ispejjez ma jizdidux, jghid l-attur, jkun fadallu f’idejh mat-Lm23 jew Lm29 fil-gimgha sabiex jkun jista jixtri l-affarijiet ta’ l-ikel u ilbies. L-attur jghid ukoll illi huwa jkollu Lm10 fil-gimgha

*bonus*, pero` dan mhux dejjem jinghatalu, izda jekk jkun mexa b'diligenza fix-xoghol tieghu.

Illi 'n kontro-ezami jghid illi huwa kien idahhal bejn wiehed u iehor Lm3000 minghand Lewis Micallef Co. Ltd u Lm4,000 mir-*restaurant*. Jghid illi sas-sena l-ohra (jigifieri san-1999) huwa kien *part-time*r. L-attur jghid illi kien hemm zmien meta kien *part-time*r biss u mhux *part-time*r u ko-proprjetarju ukoll. Jghid illi minn April 1999 huwa kien jahdem darba fil-gimgha biss, u cioe` s-Sibt u dan sakemm ghallem lil xi hadd sabiex jehodlu postu. Kien jippercepixxi biss Lm1.50 fis-siegha.

Illi meta xehed fil-5 ta' Novembru, 2001, **l-attur** jghid illi huwa jahdem erbghin siegha fil-gimgha. Jigifieri gimgha xoghol normali. Prezentement l-attur qieghed jahdem mal-Vascas Enterprises Ltd. Gieli jahdem xi hin *overtime* ukoll. Jaqbel l-attur illi huwa ghandu jhallas nofs l-ispejjez medici u nofs l-ispejjez edukattivi, pero` ilu ftit ma jaghti sehmu lill-konvenuta u dan peress illi ma ghandux flus bizzejjed biex jaghtiha sehmu. Jghid illi jibqalu Lm95 fix-xahar li juza' ghall-ikel, hwejjeg, medicini u petrol. Jghid l-attur illi l-konvenuta tircievi l-ammont ta' Lm37 mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali.

Illi fil-5 ta' Novembru, 2001 xehdet ukoll **il-konvenuta** Adriana Vella. Tghid illi l-attur suppost li jaghtiha Lm80 kull hmistax oltre li jrid jaghmel tajjeb ghall-iskola, t-trasport, l-uniformijiet u l-affarijiet tat-tfal. L-attur dam ihallas il-manteniment skond il-kuntratt ta' separazzjoni minnu iffirmat ghal madwar sena. Hija tghid illi qeghda tircievi l-ammont ta' Lm143 fix-xahar minghand id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali bhala benficcju ghalija biss u mhux ghat-tfal. Il-konvenuta tghid illi hija qeghda tghix ma certu Mario Borg u li fuq isimha u fuq isem dan Mario Borg hemm zewg *loans*. Il-*loan repayments* ilahqu mal-Lm200 fix-xahar. Din ix-xhud tghid illi qabel ma zdidilha l-ammont li tippercepixxi mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali, hija kienet tircievi circa Lm100 fix-xahar. B'hekk tghid din ix-xhud illi d-differenza u cioe` l-ammont ta' Lm43 kien qieghed jinghata lilha sabiex jaghmel tajjeb

ghan-nuqqas fil-flus li kien qieghed jaghtiha l-attur bhala manteniment ghal uliedhom minuri.

Illi xehed ukoll fid-29 ta' Mejju, 2002 **Mario Borg**. Xehed illi l-ammonti ndikati minn Adriana Vella u cioe l-ammonti ta' Lm94 u Lm106 jikkoncernaw self li kien ghamel hu. Il-pagamenti ghal dan is-self fil-fatt jivvershom huwa u mhux il-konvenuta. Dan ix-xhud jghid illi huwa qieghed imantni lit-tfal tal-konvenuta. Dan ix-xhud jghid illi l-fond li dwaru qeghdin isiru l-mistoqsijiet kien inxtara minnu u mill-konvenuta w isimhom it-tnejn huwa mnizzel fuq il-kuntratt ta' akkwist. Jghid illi huwa qieghed imantni lil konvenuta billi jaghtiha mal-Lm50 fil-gimgha.

## (B) PROVI DOKUMENTARJI

Illi l-attur esebixxa kuntratt ta' seperazzjoni li kien gie ffirmat minnu u mill-konvenuta fit-23 ta' April, 1998 (*vide fol*. 6 *et seq*. tal-process u immarkat bhala Dok. "A") u li jinsab ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo. Illi minn ezami ta' dan il-kuntratt, jirrizulta illi l-artikolu 2 (vi)(a) sa (g) jitkellmu dwar il-kwistjoni tal-manteniment.

Illi ghal kompletezza dan l-artikolu flimkien mal-paragrafi l-ohra konnessi mieghu ser jigi ikkwotati *verbatim* f'din is-sentenza.

"*(vi) Appearer Stephen Vella hereby obliges himself to pay unto his wife, appearer Adriana, sive Diane Vella, the weekly sum of forty Malta liri (Lm40), payable monthly in advance, as his contribution towards the maintenance of the said minor children. The parties agree that the maintenance contribution set out in this clause shall be subject to the following terms and conditions:*

*(a) The said maintenance shall be paid by means of a Bank standing order payable directly to the place of residence of the said appearer Adriana, sive Diana Vella.*

*(b) The maintenance set out is being stipulated as equal amounts in respect of each of the said minor children.*

*(c) The maintenance payable in respect of each child shall cease upon that child's attainment of majority, and shall be suspended for any such period as the said minor child shall have any full time gainful employment, or otherwise is not in the custody of the said appearer Adriana, sive Diana Vella.*

*(d) In the event that the said appearer Adriana, sive Diana Vella has any full or part time employment, the maintenance payable shall be reduced by an amount equivalent to one fifth of the maintenance then payable.*

*(e) The maintenance set out in this paragraph shall be revised on the first (1st) day of March, of the year one thousand nine hundred and ninety nine (1999), and of every year thereafter, in accordance with cost of living increases, as such increases result from the index kept for that purpose by the competent authorities.*

*(f) The appearer Stephen Vella shall be entitled to demand and obtain the revision and reduction of the maintenance payable, in the event that his income is substantially reduced for reasons beyond his control, and notwithstanding his attempts to remedy same.*

*(g) Saving in the manner and to the extent set out in this clause, the maintenance payable by Stephen Vella shall not be subject to any further revision, reduction or increase. The parties furthermore agree and declare that there are no arrears, and/or prepayments of maintenance due by Stephen Vella."*

Illi l-attur esebixxa diversi dokumenti. Dawn ser jigu ndikati *seriatim* f'din il-parti tas-sentenza.

a) Dokument immarkat bhala Dok. "DF 1" a fol. 35 tal-process datat 16 ta' Gunju, 2000 fejn jinghad illi l-attur jippercepixxi s-somma ta' Lm129.50 *gross* kull hmistax.

b) Dokument immarkat bhala Dok. “DF 2” esebit mill-attur u li jindika illi huwa ser jibqalu l-ammont ta’ Lm23.29 jekk jibda jaghti l-ammont propost ta’ Lm15 fil-gimgha bhala manteniment.

c) Dokument immarkata bhala “Dok. AB” u li bih l-attur ceda sehmu mill-lokazzjoni tas-Suncity Bar and Restaurant fi Triq l-Imhar, il-Qawra, inkluz kull sehem illi huwa ghandu mill-avvjament, stock, krediti u debiti u dan versu l-prezz ta’ ghaxart’elef lira Maltin (Lm10,000) pagabbli fi zmien tmien snin mit-23 ta’ Marzu, 1999 minghajr imghaxijiet.

d) Dokument immarkat bhala “Dok. V1” li bih l-attur jindika illi huwa beda jahdem mal-Vascas Enterprises Ltd mit-23 ta’ Lulju, 2001;

e) Dokument immarkat bhala “Dok. V2” li jindika li l-attur jippercepixxi l-ammont ta’ Lm286 *gross* mentri netti jibqalu Lm259.60.

f) Giet ezebita ukoll xi korrispondenza li ghaddiet bejn id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u l-istess attur (Ara Dok. “SV 1” u Dok. “SV 2”).

g) Gew esebiti ukoll zewg dokumenti mahruga mill-Bank of Valletta p.l.c. liema dokumenti huma immarkati bhala Dok. “SV 3” u Dok. “SV 4” u fihom hemm indikati c-cifri Lm94 u Lm106 rispettivament.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur u n-nota risponsiva tal-konvenuta.

## C. KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Galea vs Galea"** deciza minn din il-Qorti, diversament preseduta, fis-26 ta' Frar, 1956, intqal illi “*l-promotur tal-alimenti stabbiliti bis-sahha ta' transazzjoni, hija ligi bejn il-partijiet li jistipulawha u ma tistax tithassar hlief bil-kunsens taghhom jew ghar-ragunijiet validi skond il-ligi ghal kawzi stabbiliti ghal*

*impunjazzjoni tal-kuntratti, u li, ghalhekk, din it-transazzjoni li saret obbligu kuntrattwali ma tistax tithassar jew tinbidel, hlief bil-volonta' tal-kontraenti".*

Illi din il-kawza pero` kienet titratta talba ghall-awmenti tal-alimenti wara bdil f'cirkostanzi u mhux ghal diminuzzjoni tal-istess bhal kaz odjern.

Illi fil-kawza fl-ismijiet "**Victoria Camilleri pro et noe vs Mahmood Faraj Abdul Kareem**" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Novembru, 1994 dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:

*"… **l-artiklu 992 sub-artiklu (2) tal-Kodici Civili** jghid hekk:*

*"Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mill-ligi"*

*u dan wara li s-**subartiklu (1)** jghidilna li:*

*"Il-kuntratti maghmulin skond il-ligi, ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom".*

L-ebda wahda mill-partijiet f'din il-kawza ma dehrilha li kellha thares lejn il-provvedimenti tal-ligi li propju jitkellmu fuq manteniment, sew dawk il-provvedimenti li ilhom zmien twil jezistu fil-Kodici Civili taghna, kif ukoll dawk il-provvedimenti li gew immodifikati jew alterati bl-**att XXI tal-1993**. L-**artiklu 21 sub-artiklu (1)** hekk jipprovdi:-

*"Meta min jaghti l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, hu jista' jitlob li jkun mehlus mill-obbligu tieghu, jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment skond ma jkun il-kaz."*

Aktar relevanti huwa l-**artiklu 32 tal-Att XXI** fuq imsemmi li emenda l-**artiklu 54 tal-Kodici Civili** li fis-**sub-artiklu 7**, kif emendat, jipprovdi:-

*"Meta jkun hemm tibdil li jigri wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, il-Qorti tista' fuq it-talba ta' kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-kaz".*

F'dawn iz-zewg artikli l-ligi ma taghmel ebda distinzjoni bejn il-manteniment "*ex lege*" jew dak "*ex contractu*", ghalkemm jidher car li l-istess artikoli huma predonimament mahsuba ghall-fissazzjoni ta' manteniment "*ex lege".*

Illi minkejja illi jezisti l-principju generali tal-ligi li fejn l-istess ligi ma tiddistingwix m'ghandux jiddistingwi l-gudikant, pero`, m'hemmx dubbju illi *'prime facie*' il-legislatur m'huwiex qieghed hawn jitkellem fuq l-alimenti patwiti, u ghalhekk, dan il-principju m'ghandux japplika ghall-provvediment specifiku tal-ligi kif provdut fl-**artikolu 992** fuq imsemmi, fejn hemm stabbilit li kuntratt huwa ligi bejn il-partijiet.

Illi dan il-provvediment, pero`, huwa fih innifsu soggett ghall-principju generali iehor tal-ligi taghna, u cioe' dak ta' '*nemo ad impossibilia tenetur'*, billi huwa manifest illi hwejjeg impossibbli ma jistghu qatt ikunu oggett ta' kuntratt - tirrikorri meta tirrikorri dik l-impossibbilita' – **artikolu 985 Kap. 16** - skond il-principju tal-*jus superveniens*. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan il-principju ghandu jkollu applikazzjoni aktar ampja f'kamp tal-ligi bhall-prezenti. Il-principju generali tal-alimenti huwa bbazat fuq il-mezzi tal-partijiet rispettivi. Dan l-istat huwa dak li jigi rifless fil-kuntratt konsenswali u huwa f'dan il-kuntest li ghandu jkollu applikazzjoni dan il-principju.

Illi ukoll, fis-sentenza "**Saviour Zahra vs Maria Antoinette Zahra pro et noe**" deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-13 ta' Lulju 2001, liema sentenza kienet ikkonfermat dak li kien intqal minn din il-Qorti, kif preseduta, inghad illi:

*"hu car illi hemm elementi mportanti in materja ta' manteniment bhala ma huma l-ispejjez bazici ta' spiza*

*ghall-hajja u ghall-edukazzjoni tal-minuri li kellhom jigu sodisfatti mill-obbligat, ikun x'ikun id-dhul tieghu sakemm il-Qorti tqis li dak il-minimu ikun fil-possibbiltajiet tieghu".*

Illi din il-Qorti, kif preseduta, fis-sentenza hawn appena citata kienet qalet illi:

"***L-artikolu 7 (1) tal-Kodici Civili*** *jghid illi:-*

*(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod stabbilit fl-**artikolu 3B** ta' dan il-Kodici.*

*Dan l-**artikolu 3B** jghid illi:-*

*"Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali w aspirazzjonijiet ta' l-ulied."*

Illi l-artikolu applikabbli ghall-kaz *de quo* huwa l-**artikolu 21 (1)** li jghid:-

*"(1) Meta min jaghti l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, hu jista' jitlob li jkun mehlus mill-obbligu tieghu jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment, skond ma jkun il-kaz."*

U l-**artikolu 54 (7)** li jghid:-

*"(7) Meta jkun hemm tibdil wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, l-Qorti tista', fuq it-talba ta' kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-kaz."*

Dwar l-**artikolu 21** l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha datata 15 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet "**Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe**" qalet illi:-

"*Din id-disposizzjoni ma tiddistingwix bejn l-ghoti "volontarju", "ope sententiae" jew "ex contractum" tal-manteniment".*

Illi dwar il-portata ta' dan l-artikolu dik l-Onorabbli Qorti qalet illi:-

*"Li ma huwiex daqstant car pero` hu jekk dan l-artikolu japplikax biex jirregola wkoll l-obbligu tal-manteniment bejn il-konjugi. Dan ghaliex l-**artikolu 21 jinsab fis-sub-titolu (2)** ta' l-Ewwel Titolu tal-Kodici Civili li jirregola expressis il-jeddijiet u d-dmirijiet bejn axxendenti, dixxendenti u ahwa. Hu subtitolu li fil-fatt jirregola fid-dettal ir-relazzjonijiet bejn dawn il-persuni u fl-ebda mument u fl-ebda disposizzjoni tieghu ma jidher li qieghed b'xi mod jirregola r-relazzjonijiet bejn il-konjugi".*

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament. Pero` dan l-artikolu xorta huwa applikabbli ghall-kaz *de quo stante* li hemm il-minuri, fil-kaz odjern, Dylan u Erica Dacoda ahwa Vella.

Illi dwar l-artikolu **54 sub-artikolu (7)** il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha "**Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe**" fuq imsemmija qalet illi:-

"*It-test allura hawn, iktar milli tibdel fic-cirkostanzi b'mod generali jirrikjedi studju komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom".*

Inghad ukoll f'din is-sentenza ta' "**Zahra vs Zahra"** (*sup. ct*.) illi:

*"dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missier izda huwa obbligu assolut" **"Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja"*** (P.A. (F.D) Cit Nru 154/4).

## D. KONSIDERAZZJONIJIET FATTWALI U APPLIKAZZJONI TAL-LIGI GHALL-KAZ *DE QUO*.

Illi wara li din il-Qorti ghamlet ir-rassenja ta' gurisprudenza *in subiecta materia*, hija ser tghaddi biex tapplika l-istess ghal-fatti ta' dan il-kaz.

Illi l-partijiet iridu jifhmu illi din il-kawza l-aktar li ser taffettwa hija lill-uliedhom minuri. Jidher pero` illi l-attur ghalinqas ma hux qieghed jara dan l-aspett u dan senjatament meta wiehed jaqra l-paragrafu hdax tan-nota ta' sottomissjonijiet tieghu li tghid testwalment:

*"11. Illi ghalhekk, wiehed jista facilment jghid li l-konvenuta, qed ikollha paga mensili kemm minghand il-Gvern kif ukoll minghand il-habib taghha, ta' mhux anqas minn Lm443, ftit anqas mid-doppju ta' dak li jircievi l-attur. Apparti minn hekk, wiehed ghandu ukoll izid il-Lm15 fil-gimgha li l-attur qieghed jghaddilha fuq suggeriment ta' dina l-Onorabbli Qorti kif diversament ippresjeduta, b'mod illi t-total li tircievi ghaliha u ghat-tfal huwa ta' Lm503".*

Min dan il-paragrafu biss wiehed jista' jifhem l-animu tal-attur fil-konfront ta' uliedu. Jnaqqas l-ammont ta' manteniment li jaghtihom il-ghaliex martu qeghda tircievi globalment l-ammont ta' Lm443. Dan il-Qorti thoss li mhux ragunar serju u lanqas ma huwa ragunar ta' missier li jkun irid illi uliedu jkunu f'posizzjoni li jghixu imqar bhat-tfal ta' haddiehor. L-attur ma gabx ragunijiet gravi l-ghala naqaslu l-ammont ta' introjtu. Ma gabx per ezempju ragunijiet medici. Sabiex jipprova jiggustifika l-bejgh tas-sehem illi huwa kellu fil-hanut Sun City Restaurant, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jghid testwalment illi:

*"Ir-raguni ghal tali twaqqif kien illi huwa, sa ftit wara l-kuntratt ta' separazzjoni, kien ko-proprjetarju ta' dan ir-Restaurant flimkien ma huh, izda, minhabba fit-tibdil tac-cirkostanzi wara s-separazzjoni, huwa ma setax jzomm l-obbligi finanzjarji li tali restaurant kellu, u ghalhekk biegh is-share tieghu f'dan ir-Restaurant lil huh, li kien ko-proprjetarju mieghu…".*

Illi apparti li dwar din l-allegazzjoni ma hemm l-ebda prova li tikkonforta din l-istqarrija, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-attur qed jghid illi soffra xi tibdil fic-cirkostanzi. Meta l-partijiet kienu ghadhom jirrisjedu flimkien, kif ukoll kienu jirrisjedu maghhom uliedhom, l-attur kien irid jara li mill-introjtu tieghu jghixu erba' minn nies – zewg adulti, u zewg minuri. Wara li gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni datat 23 ta' April, 1998, l-ammont ta' persuni li huwa kellu jiehu hsieb imantni naqqsu u mhux zdiedu. Kellu jiehu hsieb tieghu nnifsu u taz-zewg uliedu minuri. Ma jirrizultax mill-atti illi huwa ghandu jiehu hsieb xi persuni ohra. Illi ghalhekk mhux suppost li esperjenza diffikulta finanzjarja, anzi proprju l-oppost, suppost li esperjenza l-oppost.

Illi din id-diffikulta li qieghed jghid illi esperjenza l-attur ukoll lanqas ma hi sorretta mill-provi prodotti. Hekk perezempju l-attur esebixxa a fol. 55 tal-process dokument immarkat bhala Dok. "AB" datat 23 ta' Marzu, 1999 iffirmat bejn l-attur, huh u mart huh u li hija skrittura li permezz taghha l-attur ceda sehmu mill-kirja li huwa ghandu fis-Suncity Bar and Restaurant fi Triq l-Imhar, il-Qawra. Dan qieghed jinghad ukoll peress illi fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur jghid (f'paragrafu erbgha (4)) illi "*Huwa biegh kollox ghall-ghaxart elef Liri Maltin (Lm10,000) izda huh, sad-data ta' llum, ghadu ma hallsu xejn minn dan l-ammont*". Jigifieri sal-lum ghandu jiehu mat-tlett elef lira Maltin (Lm3,000) u minn hawn u erba' xhur ohra jkollu jiehu elf lira (Lm1,000) ohra. Ma jirrizultax illi l-attur ghamel jew ha xi proceduri legali kontra huh u martu sabiex dawn jigu kkundannati jhallsu l-ammonti ta' flus dovuti lilu.  Illi dan apparti l-fatt li l-istess dokument ma huwiex l-original u lanqas debitament awtentikat, u mill-provi prodotti ma jirrizultax konvincentement ghaliex il-konvenut wasal ghal din id-decizjoni, u iktar u iktar ghaliex halla dik id-dilazzjoni ta' pagament, meta llum qed isostni li m'ghandux bizzejjed biex jghix sew.

Illi mill-banda l-ohra, l-konvenuta ma hiex taghmel sew li qeghda ccahhad lill-attur milli jara lil uliedu u dan il-ghaliex il-fatt li l-attur ma huwiex jaghti l-ammont ta' manteniment miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni bl-ebda mod ma jintitolaha sabiex hija ma thalliehx jezercita d-dritt tieghu

ta' access. Pero` f'dan ir-rigward din il-Qorti ma hi ser tghid xejn, hlief li llum wara l-emendi li dahlu fil-Kodici Kriminali wara l-1 ta' Mejju, 2002, il-partijiet jistghu jitolbu lil Pulizija sabiex tipprocedi kontra dik il-parti li ma tkunx qeghda ssegwi l-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt ta' separazzjoni senjatament dawk li jitkellmu dwar id-dritt ta' access u d-dritt ta' manteniment.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-posizzjoni attwali tal-attur, anke jekk hija kif inghad minnu hija *self inflicted stante* li huwa ghazel li jbiegh is-sehem li kellu fin-negozju lill-huh, qabel mal-prezz hemm citat, u l-modalita` ta' pagament hi fic-cirkostanzi li spjega l-attur innifsu jidhru li huma eccessivi meta qed jilmenta llum dwar nuqqas ta' ntrojtu. Dan premess, ma jfissirx li din il-Qorti hija konvinta dwar l-allegata skrittura tat-23 ta' Marzu 1999, anzi din l-Qorti ghandha dubju serju dwar l-istess anke ghaliex l-attur qatt ma spjega kif wasal ghal tali decizjoni tenut kont tal-fatt li huwa spjega li l-introjtu li kellu mill-istess negozju kien "*ta' zewg terzi mid-dhul globali tieghu"* ta' circa Lm7,000. Anzi minn ezami tax-xhieda tal-attur innifsu li qal li "*on average*" f'dak iz-zmien tal-kuntratt kien jaqla' *average* ta' Lm7,000 fis-sena, jidher li hija stramba li f'inqas minn sena mid-data tal-kuntratt li sar fit-<u>23 ta' April 1998</u> huwa biegh is-sehem tieghu fin-negozju fit-23 ta' Marzu 1999 ghall-ammont ta' Lm10,000 pagabbli zmien tmien (8) snin mill-istess bla imghax. Ir-ragunijiet li gab l-attur certament ma kienux konvincenti ghal din il-Qorti u ma hemm l-ebda dubju fl-opinjoni tal-Qorti, li l-posizzjoni allegatament odjerna tal-attur giet minnu stess inflitta fuqu nnifsu u dan fl-ahjar ipotesi; fl-aghar ipotesi din il-Qorti ma hijiex konvinta fuq dawn l-arrangamenti allegati mill-attur u l-veracita` taghhom.

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tinnota li l-attur, bla ebda digriet tal-Qorti kompetenti u bla ebda emenda ghall-kuntratt ta' separazzjoni premess ezatt wara d-data tal-iskrittura tat-23 ta' Marzu 1999, waqqaf unikament il-manteniment tieghu lill-uliedu minn April 1999, u ghalhekk huwa nnifsu kiser il-ftehim li ghamel huwa stess, u dan konxjentosament, ghaliex kien biss fit-2 ta' Gunju 1999 li pproceda bil-kawza odjerna sabiex jitnaqqas il-

manteniment tal-minuri pattwit, u kien biss b'Digriet *pendente lite* pero` bla pregudizzju ghad-drittijiet rispettivi tal-partijiet f'din il-kawza.

Illi ghal dak li hija kredibilita` tal-attur il-Qorti tirreferi wkoll ghad-dikjarazzjoni tieghu fejn l-attur sostna fit-2 ta' Gunju 1999 li "*f'dawn l-ahhar gimghat ivverifikaw ruhhom ic-cirkostanzi stabbiliti fl-istess kuntratt*", meta l-allegata skrittura privata, kien ilha li saret iktar minn xahrejn (mit-23 ta' Marzu 1998) u dan apparti li l-firmatarji tal-iskrittura tat-23 ta' Marzu 1998 Joseph Vella u Ruth Vella, ghalkemm indikati bhala xhieda, ma gewx prodotti bhala xhieda; wkoll in-Nutar indikat fl-istess lista tax-xhieda attrici huwa n-Nutar Angelo Vella, meta l-iskrittura giet awtentikata minn bintu Nicolette Vella. Dan apparti li huwa dejjem dovut lill-attur l-istess ammont ta' Lm10,000 skond l-iskrittura allegata.

Illi mill-*punto di vista* legali jidher li l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq dak li hemm provdut fil-paragrafu 2 (iv) (f) tal-kuntratt riferut fic-citazzjoni attrici u fuq citat li jaghtu dritt lill-attur ghar-revizjoni u riduzjoni tal-alimenti pattwiti ghall-minuri fl-kaz li *"his income is substantially reduced for reasons beyond his control, and notwithstanding his attempts to remedy same".*

Illi ghalhekk abbazi tal-principji li kuntratt u ftehim huwa ligi bejn il-partijiet u li kuntratti ghandhom jigu nterpretati u esegwiti *in bona fede*, u in konsiderazzjoni tal-fatt li l-attur innifsu qed jibbaza ruhhu fuq l-applikazzjoni ta' dan il-ftehim, ma jirrizultax mill-provi li l-allegat tnaqqis fl-introjtu tal-attur sar minhabba ragunijiet li ma kienux fil-kontroll tieghu, anzi jidher li dak li allegatament sehh kienet xelta tieghu; wisq inqas jirrizulta li saru tentattivi minnu biex jirrimedja ghas-sitwazzjoni, anzi jidher li huwa konxjentozament ikkontribwixxa ghall-istess u kien l-agir tieghu li wassluh fejn qed jghid li wasal illum, u ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti, b'dan ukoll li l-Qorti qed tirrevoka *contratio imperio* d-digriet taghha moghti mill-Qorti diversament ippressjeduta tal-21 ta' Gunju 2000, b'dan li l-manteniment dovut ghall-minuri ghaz-zmien kollu tal-kawza huwa dak stabbilit fil-

kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet datat 28 t'April 1998, u l-attur huwa obbligat li jhallas l-arretrati kollha jew il-bilanc tal-istess arretrati minnu dovuti lill-konvenuta skond id-disposizzjonijiet tal-istess kuntratt.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li **tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta tichad it-talbiet attrici** bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Novembru, 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Novembru, 2002**